DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Marzu 2014

li temenda d-Deċiżjoni 2005/381/KE fir-rigward tal-kwestjonarju għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2014) 1726)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2014/166/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 21(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapporti annwali lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Minn mindu ġiet adottata, id-Direttiva 2003/87/KE ġiet emendata sostanzjalment u l-Kummissjoni adottat diversi strumenti leġiżlattivi biex tkompli timplimentaha.

(2) Id-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] u d-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] emendaw id-Direttiva 2003/87/KE sabiex l-attivitajiet tal-avjazzjoni jiġu inklużi fl-iskema tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-Unjoni u sabiex l-iskema tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni tittejjeb u tiġi estiża, rispettivament. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 [4] stabbilixxa r-regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tad-dejta dwar l-attività, filwaqt li r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 600/2012 [5] jistipula r-regoli dwar il-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-akkreditazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku tal-verifikaturi, u l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-korpi tal-akkreditazzjoni.

(3) Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013 [6] stabbilixxa r-rekwiżiti ġenerali, operattivi u ta' manutenzjoni li jikkonċernaw ir-Reġistru tal-Unjoni, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE [7] stabbiliet regoli tranżitorji li jgħoddu fl-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/381/KE [8] stabbiliet kwestjonarju li għandu jintuża mill-Istati Membri

[1] ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

[2] Id-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (ĠU L 8, 13.1.2009, p. 3).

[3] Id-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 63).

[4] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil (ĠU L 181, 12.7.2012, p. 30).

[5] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 600/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar il-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u r-rapporti dwar it-tunnellati kilometri u l-akkreditazzjoni tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 181, 12.7.2012, p. 1).

[6] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013 tat-2 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi Reġistru tal-Unjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjonijiet Nri 280/2004/KE u 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nri 920/2010 u 1193/2011 (ĠU L 122, 3.5.2013, p. 1).

[7] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 130, 17.5.2011, p. 1).

[8] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/381/KE tal-4 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi kwestjonarju għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 126, 19.5.2005, p. 43).

għat-tfassil ta' rapporti annwali li għandhom l-għan li jistabbilixxu rendikont dettaljat tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/803/KE [1] emendat dak il-kwestjonarju fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni huma u jużawh.

(5) L-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE kif emendata u tal-istrumenti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni, kif ukoll l-esperjenza ulterjuri miksuba mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni huma u jużaw il-kwestjonarju wrew il-bżonn li jiżdiedu s-sinerġiji u l-koerenza tal-informazzjoni rrapportata.

(6) B'mod partikolari, ir-rekwiżiti tar-rapportar stipulati f'dak il-kwestjonarju għandhom jiġu mmodifikati skont l-istrumenti leġiżlattivi msemmija u għandhom ikomplu jittejbu b'mod armonizzat sabiex tissaħħaħ l-effikaċja tal-proċess tar-rappurtar u l-kwalità tal-informazzjoni rrappurtata mill-Istati Membri.

(7) Għalhekk, l-Anness tad-Deċiżjoni 2005/381/KE għandu jiġi emendat.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2],

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2005/381/KE għandu jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2014.

Għall-Kummissjoni

Connie HEDEGAARD

Membru tal-Kummissjoni

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/803/KE tat-23 ta' Novembru 2006 li temenda d-Deċiżjoni 2005/381/KE li tistabbilixxi kwestjonarju għar-rapportaġġ dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 329, 25.11.2006, p. 38).

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

ANNESS

"ANNESS

KWESTJONARJU DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA 2003/87/KE

1. **Dettalji tal-istituzzjoni li qed tissottometti r-rapport**

L-isem u d-dipartiment tal-organizzazzjoni:

Isem il-persuna ta' kuntatt:

It-titlu tal-impjieg tal-persuna ta' kuntatt:

Indirizz:

Numru tat-telefon internazzjonali:

Posta elettronika:

2. **L-awtoritajiet responsabbli fl-iskema għan-negozjar ta' emissjonijiet (eu ets) u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet**

Il-mistoqsijiet f'din it-taqsima għandhom jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2014 u fir-rapporti ta' wara jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

2.1. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok niżżel l-isem, it-taqsira u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti involuti fl-implimentazzjoni tal-EU ETS għall-installazzjonijiet u l-avjazzjoni fl-Istat Membru tiegħek. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Isem	Taqsira	Dettalji ta' kuntatt ([1])

Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok niżżel l-isem, it-taqsira u d-dettalji ta' kuntatt tal-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni magħżul skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

Isem	Taqsira	Dettalji ta' kuntatt ([1])

Stabbilixxejt awtorità nazzjonali ta' ċertifikazzjoni biex tiċċertifika l-verifikaturi skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 600/2012 ([3])? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok niżżel l-isem, it-taqsira u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità nazzjonali ta' ċertifikazzjoni billi tuża t-tabella ta' hawn taħt.

Isem	Taqsira	Dettalji ta' kuntatt ([1])

Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok niżżel l-isem, it-taqsira u d-dettalji ta' kuntatt tal-amministratur tar-reġistru fl-Istat Membru tiegħek.

Isem	Taqsira	Dettalji ta' kuntatt ([1])

([1]) Jekk jogħġbok agħti n-numru tat-telefon, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz tal-websajt.
([2]) ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.
([3]) ĠU L 181, 12.7.2012, p. 1.

2.2. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika liema awtorità kompetenti hija responsabbli għall-kompiti li ġejjin, billi tuża t-taqsira tagħha. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Jekk jogħġbok kun af li jekk kaxxa fit-tabella ta' hawn taħt hija griża, dan ifisser li l-kompitu mhuwiex relevanti għall-installazzjonijiet jew għall-avjazzjoni.

Awtorità kompetenti inkarigata minn:	Installazzjonijiet	Avjazzjoni
Ħruġ ta' permessi		
Allokazzjoni ħielsa għal installazzjonijiet stazzjonarji skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE		
Allokazzjoni ħielsa skont l-Artikolu 3e u 3f tad-Direttiva 2003/87/KE		
Attivitajiet relatati ma' rkanti (l-irkantatur imsemmi fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010) (ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1)		
Miżuri finanzjarji fir-rigward tat-tnixxija indiretta ta' karbonju		
Ħruġ ta' kwoti		
Approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ u ta' bidliet importanti fil-pjan ta' monitoraġġ		
Riċevuta u valutazzjoni ta' rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet u rapporti ta' verifika		
Ħruġ ta' stima konservattiva tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 70 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 181, 12.7.2012, p. 30)		
Approvazzjoni tar-rapporti dwar it-titjib skont l-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012		
Approvazzjoni tal-applikazzjoni tal-operatur għar-rinunzja ta' żjara fuq il-post tal-verifikatur skont l-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2012		
Spezzjoni u infurzar		
Informazzjoni għall-pubbliku		
Amministrazzjoni ta' inklużjoni unilaterali tal-attivitajiet u l-gassijiet skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2003/87/KE [1]		
Amministrazzjoni ta' installazzjonijiet eskluži skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2003/87/KE [2]		
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:		

[1] Din il-kaxxa trid timtela biss jekk l-Istat Membru inkluda attivitajiet jew gassijiet skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2003/87/KE.
[2] Din il-kaxxa trid timtela biss jekk l-Istat Membru eskluda installazzjonijiet skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2003/87/KE.

2.3. Jekk hemm iktar minn awtorità kompetenti waħda inkarigata fl-Istat Membru tiegħek skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2003/87/KE, liema awtorità kompetenti hija l-punt fokali tiegħek imsemmi fl-Artikolu 69(2) tar-Regolament (UE) Nru 600/2012? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-taqsira kkonċernata fit-tabella ta' hawn taħt.

Isem l-awtorità kompetenti li hija l-punt fokali msemmi fl-Artikolu 69(2) tar-Regolament (UE) Nru 600/2012	Taqsira

Jekk iktar minn awtorità kompetenti waħda huma inkarigati fl-Istat Membru tiegħek biex iwettqu l-attivitajiet fir-Regolament (UE) Nru 601/2012, x'miżuri ttieħdu biex tiġi koordinata l-ħidma ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Koordinazzjoni tal-attivitajiet fir-rigward tal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012	Iva/Le	Kummenti (mhux bilfors)
Il-leġiżlazzjoni nazzjonali tirrekjedi li awtorità ċentrali kompetenti tirrevedi u tipprovdi struzzjonijiet vinkolanti fuq il-pjanijiet ta' monitoraġġ, in-notifiki ta' bidliet fil-pjan ta' monitoraġġ jew ir-rapporti dwar l-emissjonijiet?		
Hemm awtorità ċentrali kompetenti li tmexxi l-awtoritajiet kompetenti lokali u/jew reġjonali billi tagħti gwida u struzzjonijiet vinkolanti?		
Hemm awtorità ċentrali kompetenti li tirrevedi u tipprovdi pariri dwar il-pjanijiet ta' monitoraġġ, in-notifiki u r-rapporti dwar l-emissjonijiet fuq bażi volontarja?		
Jiġu organizzati gruppi ta' ħidma jew laqgħat regolari mal-awtoritajiet kompetenti?		
Jiġi organizzat taħriġ komuni għall-awtoritajiet kompetenti kollha biex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti tar-rekwiżiti?		
Jintużaw sistemi jew għodod informatiċi biex jiġu żgurati approċċi komuni għall-kwistjonijiet relatati mal-monitoraġġ u r-rapportar?		
Hemm stabbilit grupp ta' koordinazzjoni, bil-persunal tal-awtorità kompetenti, li fih jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mal-monitoraġġ u r-rapportar u jiżviluppa approċċi komuni?		

Hemm attivitajiet ta' koordinazzjoni oħrajn? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

2.4. Xi skambju effettiv ta' informazzjoni u kooperazzjoni ġie stabbilit skont l-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2012 bejn il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jew, jekk relevanti, l-awtorità nazzjonali ta' ċertifikazzjoni u l-awtorità kompetenti fi ħdan l-Istat Membru tiegħek? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Koordinazzjoni tal-attivitajiet fir-rigward tal-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2012	Iva/Le	Kummenti (mhux bilfors)
Jiġu organizzati laqgħat regolari bejn il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni/l-awtorità nazzjonali ta' ċertifikazzjoni (jekk relevanti) u l-awtorità kompetenti responsabbli għall-koordinazzjoni?		
Ġie stabbilit grupp ta' ħidma fejn il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni/l-awtorità nazzjonali ta' ċertifikazzjoni (jekk relevanti), l-awtorità kompetenti u l-verifikaturi jiddiskutu kwistjonijiet relatati mal-akkreditazzjoni u l-verifika?		
L-awtorità kompetenti tista' takkumpanja l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni fl-attivitajiet ta' akkreditazzjoni bħala osservatur?		

Hemm attivitajiet oħrajn ta' koordinazzjoni? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

3. **Kopertura tal-attivitajiet, l-installazzjonijiet u l-operaturi tal-inġenji tal-ajru**

It-tieni sottomistoqsija tal-mistoqsija 3.1 u t-tieni u t-tielet sottomistoqsijiet tal-mistoqsija 3.2 f'din it-taqsima għandhom jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2014 u fir-rapporti ta' wara jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

3 A. **Installazzjonijiet**

3.1. Kemm-il installazzjoni jwettqu attivitajiet u jeħilsu emissjonijiet ta' gassijiet serra elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE? Kemm minnhom huma installazzjonijiet tal-kategorija A, B u Ċ kif imsemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Kemm minnhom huma installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi kif imsemmi fl-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt.

Installazzjonijiet	Numru
Installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi	
Installazzjonijiet tal-kategorija A	
Installazzjonijiet tal-kategorija B	
Installazzjonijiet tal-kategorija Ċ	
Numru totali ta' installazzjonijiet	

Għal liema attivitajiet tal-Anness I l-Istat Membru tiegħek ħareġ permessi skont id-Direttiva 2003/87/KE? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt.

Attività tal-Anness I	Iva/Le
Attivitajiet ta' kombustjoni kif speċifikati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Raffinerija ta' żejt minerali	
Produzzjoni ta' kokk	
Inkaljar jew sinterizzar ta' minerali tal-metall (inklużi minerali tas-sulfur), inkluż tgerbib	
Produzzjoni ta' ħadid fondut grezz jew azzar kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Produzzjoni jew ipproċessar ta' metalli ferrużi kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Produzzjoni ta' aluminju primarju	
Produzzjoni ta' aluminju sekondarju kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Produzzjoni jew ipproċessar ta' metalli mhux ferrużi kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Produzzjoni ta' gagazza f'kalkari rotatorji kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Produzzjoni ta' ġir jew kalċinar ta' dolomit jew manjeżit kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Manifattura ta' ħġieġ kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Manifattura ta' prodotti taċ-ċeramika kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Manifattura ta' materjal ta' iżolament tas-suf minerali bl-użu ta' ħġieġ, ġebel jew gagazza kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	

Attività tal-Anness I	Iva/Le
Tnixxif jew kalċinar ta' gypsum jew produzzjoni ta' bords tal-kisi u prodotti oħrajn tal-gypsum, kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Produzzjoni ta' polpa kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Produzzjoni ta' karta jew kartun kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Produzzjoni ta' iswed tal-karbonju kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Produzzjoni ta' aċidu nitriku	
Produzzjoni ta' aċidu adipiku	
Produzzjoni ta' aċidu gliossali u gliossiliku	
Produzzjoni ta' ammonijaka	
Produzzjoni ta' sustanzi kimiċi organiċi f'massa kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Produzzjoni ta' idroġenu (H_2) u gass ta' sinteżi kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Produzzjoni ta' karbonat tas-sodju (Na_2CO_3) u bikarbonat tas-sodju ($NaHCO_3$) kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Qbid ta' gassijiet serra minn installazzjonijiet kif speċifikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	
Trasport ta' gassijiet serra b'pajpijiet għal ħżin ġeoloġiku f'sit ta' ħżin awtorizzat skont id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	
Ħżin ġeoloġiku ta' gassijiet serra f'sit ta' ħżin awtorizzat skont id-Direttiva 2009/31/KE	

3.2. Eskludejt l-installazzjonijiet skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2003/87/KE? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok imla t-tabella li ġejja u l-mistoqsijiet ta' hawn taħt.

Attività ewlenija tal-Anness I	Emissjonijiet totali tal-installazzjonijiet eskluži skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2003/87/KE	Numru ta' installazzjonijiet li qabżu l-limitu ta' 25 000 tunnellata ta' $CO_{2(e)}$ u li jridu jerġgħu jiddaħħlu fl-iskema għan-negozjar ta' emissjonijiet

X'miżuri ta' verifika ġew implimentati skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2003/87/KE? Jekk jogħġbok speċifika hawn taħt.

Ġew stabbiliti xi rekwiżiti simplifikati ta' monitoraġġ, rapportar u verifika għal installazzjonijiet li l-emissjonijiet annwali verifikati tagħhom bejn l-2008 u l-2010 niżlu taħt il-5 000 tunnellata $CO_{2(e)}$ fis-sena? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika hawn taħt x'rekwiżiti simplifikati japplikaw.

3B. **Operaturi tal-inġenji tal-ajru**

3.3. Kemm-il operatur tal-inġenji tal-ajru qed iwettqu l-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE li għalihom int responsabbli bħala l-Istat Membru ta' amministrazzjoni u ssottomettew pjan ta' monitoraġġ? Kemm minn dawn l-operaturi tal-inġenji tal-ajru huma operaturi kummerċjali tal-inġenji tal-ajru u operaturi mhux kummerċjali tal-inġenji tal-ajru? Kemm hemm min-numru totali ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li huma emittenti żgħar kif imsemmi fl-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Jekk jogħġbok speċifika billi tuża t-tabella ta' hawn taħt.

Tip ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru	Numru
Operaturi kummerċjali tal-inġenji tal-ajru	
Operaturi mhux kummerċjali tal-inġenji tal-ajru	
Numru totali ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru	
Emittenti żgħar	

Taf b'xi operaturi addizzjonali tal-inġenji tal-ajru li int responsabbli għalihom bħala l-Istat Membru ta' amministrazzjoni li kellhom jissottomettu pjan ta' monitoraġġ u jikkonformaw ma' rekwiżiti oħrajn skont id-Direttiva 2003/87/KE? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika n-numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru fit-tabella ta' hawn taħt.

Numru totali ta' operaturi addizzjonali tal-inġenji tal-ajru li kellhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-EU ETS	

Jekk tixtieq tqajjem kwistjonijiet relatati man-numru ta' dawn l-operaturi addizzjonali tal-inġenji tal-ajru, jekk jogħġbok speċifika hawn taħt.

4. **Il-ħruġ ta' permessi għal installazzjonijiet**

Il-mistoqsija 4.1 u l-ewwel parti tal-mistoqsija 4.2 għandhom jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2014 u fir-rapporti ta' wara jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

4.1. Ir-rekwiżiti speċifikati fl-Artikoli 5, 6 u 7 tad-Direttiva 2003/87/KE ġew integrati fil-proċeduri kif meħtieġ mid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika fit-tabella ta' hawn taħt kif twettqet l-integrazzjoni. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Integrazzjoni tal-permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra (permess għall-ETS) u l-permess tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED)	Iva/Le	Kummenti (mhux bilfors)
Il-permess għall-ETS huwa parti mill-permess tal-IED?		
Il-proċeduri awtorizzanti fid-Direttiva dwar l-IED u l-permess għall-ETS huma integrati?		
L-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-rapporti dwar l-emissjonijiet huma mwettqin mir-regolaturi tal-IED?		
L-ispezzjoni tal-attivitajiet tal-EU ETS issir mir-regolaturi tal-IED?		
L-integrazzjoni ssir b'xi mod ieħor? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:		

[1] ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

JJekk le, jekk jogħġbok speċifika fit-tabella ta' hawn taħt kif issir il-koordinazzjoni tal-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permess għall-ETS u l-permess tal-IED. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Koordinazzjoni tal-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permess għall-ETS u l-permess tal-IED	Iva/Le	Kummenti (mhux bilfors)
Ir-regolaturi tal-IED jivverifikaw jekk permess għall-ETS huwiex applikabbli u neċessarju, u jgħarrfu lill-awtorità kompetenti responsabbli għall-attivitajiet skont l-EU ETS		
Il-leġiżlazzjoni li tittrasponi d-Direttiva dwar l-IED ma tinkludix limiti tal-emissjonijiet jew tal-konċentrazzjonijiet għal CO_2		
Ir-regolaturi tal-IED jagħtu struzzjonijiet vinkolanti lill-awtorità kompetenti responsabbli għan-negozjar ta' emissjonijiet matul il-proċedura tal-awtorizzazzjoni		
Ir-regolaturi tal-IED jagħtu pariri fuq bażi volontarja u li ma torbotx lill-awtorità kompetenti responsabbli għan-negozjar ta' emissjonijiet matul il-proċedura tal-awtorizzazzjoni		

Il-koordinazzjoni ssir b'xi mod ieħor? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika:

4.2. Il-liġi nazzjonali meta teħtieġ li jiġi aġġornat il-permess skont l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2003/87/KE? Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji tad-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali fit-tabella ta' hawn taħt. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Kategorija ta' bidliet	Dettalji tad-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali
Il-permessi meta jistgħu jiġu rtirati mill-awtorità kompetenti?	
Permess jiskadi skont il-liġi nazzjonali? Jekk iva, f'liema ċirkustanzi?	
Permess meta jinbidel minħabba żieda fil-kapaċità?	
Permess meta jinbidel minħabba tnaqqis fil-kapaċità?	
Permess meta jinbidel minħabba bidliet fil-pjan ta' monitoraġġ?	
Hemm tipi oħrajn ta' aġġornamenti tal-permess? Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji:	

X'inhu n-numru totali ta' aġġornamenti tal-permessi li seħħew fil-perjodu ta' rapportar? Jekk jogħġbok speċifika fit-tabella ta' hawn taħt in-numru ta' aġġornamenti tal-permess sa fejn taf l-awtorità kompetenti.

Numru totali ta' permessi aġġornati fil-perjodu ta' rapportar	

5. **Applikazzjoni tar-regolament dwar il-monitoraġġ u r-rapportar**

5 A. **Ġenerali**

Il-mistoqsijiet 5.1, 5.2, 5.3 u 5.4 iridu jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2014 u fir-rapporti ta' wara jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

5.1. Ġiet implimentata leġiżlazzjoni nazzjonali addizzjonali biex tassisti fl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika hawn taħt għal liema oqsma ġiet implimentata leġiżlazzjoni nazzjonali addizzjonali.

Ġiet żviluppata gwida nazzjonali addizzjonali biex tappoġġja l-fehim tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika hawn taħt għal liema oqsma ġiet żviluppata gwida nazzjonali addizzjonali.

5.2. X'miżuri ttieħdu biex ikomplu mar-rekwiżiti ta' rapportar għal mekkaniżmi eżistenti oħrajn ta' rapportar bħar-rapportar tal-inventarju tal-gassijiet b'effett ta' serra u r-rapportar tal-EPRTR? Jekk jogħġbok speċifika hawn taħt.

5.3. Żviluppajt mudelli elettroniċi mfasslin jew formats ta' fajls speċifiċi għall-Istat Membru għall-pjanijiet ta' monitoraġġ, ir-rapporti tal-emissjonijiet, ir-rapporti ta' verifika u/jew ir-rapporti ta' titjib? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok imla t-tabelli ta' hawn taħt.

	Mudell jew format tal-fajls speċifiku għall-Istat Membru [1]	X'elementi tal-mudell jew il-format tal-fajls speċifiku huma speċifiċi għall-Istat Membru [2]?
Pjan ta' monitoraġġ għall-installazzjonijiet		
Rapport dwar l-emissjonijiet għall-installazzjonijiet		
Rapport ta' verifika għall-installazzjonijiet		
Rapport ta' titjib għall-installazzjonijiet		

[1] Jekk jogħġbok agħżel il-mudell speċifiku għall-Istat Membru jew il-format tal-fajls speċifiku għall-Istat Membru.
[2] Meta mqabblin mar-rekwiżiti tal-mudell ippubblikat u l-formats tal-fajls speċifiċi tal-Kummissjoni.

	Mudell jew format tal-fajls speċifiku għall-Istat Membru [1]	X'elementi tal-mudell jew il-format tal-fajls speċifiku huma speċifiċi għall-Istat Membru [2]?
Pjan ta' monitoraġġ għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru		
Rapport dwar l-emissjonijiet għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru		
Rapport ta' verifika għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru		
Rapport ta' titjib għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru		

[1] Jekk jogħġbok agħżel il-mudell speċifiku għall-Istat Membru jew il-format tal-fajls speċifiku għall-Istat Membru.
[2] Meta mqabblin mar-rekwiżiti tal-mudell ippubblikat u l-formats tal-fajls speċifiċi tal-Kummissjoni.

X'miżuri implimentajt biex iżżomm konformità mar-rekwiżiti fl-Artikolu 74(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Jekk jogħġbok speċifika hawn taħt.

5.4. Żviluppajt sistema awtomatizzata għall-iskambju ta' dejta elettronika bejn l-operaturi jew l-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-awtorità kompetenti u partijiet oħrajn? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika hawn taħt x'dispożizzjonijiet implimentajt biex iżżomm konformità mar-rekwiżiti fl-Artikolu 75(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012.

5B. **Installazzjonijiet**

Il-mistoqsijiet 5.7, 5.9, it-tieni sottomistoqsija ta' 5.17 u l-mistoqsijiet 5.19 u 5.20 iridu jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2014 u fir-rapporti ta' wara jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

5.5. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok daħħal, għall-fjuwils elenkati, il-konsum totali ta' fjuwil u l-emissjonijiet annwali totali fuq il-bażi tad-dejta rrapportata fir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur għas-sena tar-rapportar.

Deskrizzjoni tat-tip ta' fjuwil	Konsum totali ta' fjuwil (TJ)	Emissjonijiet annwali totali (t CO_2)
Faħam iebes		
Linjit u faħam sottobituminuż		
Pit		
Kokk		
Gass naturali		
Gass tal-forn tal-kokk		
Gass tal-forn tal-blast		
Gass tar-raffinerija u gassijiet oħrajn derivati mill-proċess		
Żejt tal-fjuwil		
Gass petroleum likwefatt		
Kokk taż-żejt mhux maħdum		
Fjuwils fossili oħrajn [1]		

[1] Jekk jogħġbok kun af li din il-mistoqsija ma tkoprix il-bijomassa (inklużi bijofjuwils u bijolikwidi mhux sostenibbli). L-informazzjoni li tikkonċerna bijomassa, bijofjuwils u bijolikwidi hija ttrattata fil-mistoqsija 5.17.

5.6. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok daħħal l-emissjonijiet totali aggregati għal kull kategorija rapportata bil-Format tar-Rapportar Komuni tal-IPCC (CRF) fuq il-bażi tad-dejta pprovduta fir-rapporti dwar l-emissjonijiet tal-operatur skont l-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012.

Kategorija 1 tas-CRF (Enerġija)	Kategorija 2 tas-CRF (Emissjonijiet tal-proċess)	Emissjonijiet totali (t $CO_{2(e)}$)	Emissjonijiet totali tal-kombustjoni (t $CO_{2(e)}$)	Emissjonijiet totali tal-proċess (t $CO_{2(e)}$)

5.7. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika:

— in-numru ta' installazzjonijiet li għalihom l-awtorità kompetenti approvat il-valuri tat-tagħrif imsemmijin fl-Artikolu 31(1) (c) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012;

— il-valur, it-tip ta' fjuwil u l-fattur ta' kalkolu kkonċernat kif ukoll is-sors u l-ġustifikazzjoni għal dawn il-valuri tat-tagħrif;

— in-numru ta' installazzjonijiet li għalihom l-awtorità kompetenti approvat valuri prestabbiliti tat-Tip I, jiġifieri l-valuri msemmijin fl-Artikolu 31(1) (d) u (e) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012;

— il-valur, it-tip ta' fjuwil jew it-tip ta' materjal u l-fattur ta' kalkolu kkonċernat kif ukoll is-sors u l-ġustifikazzjoni għal dawn il-valuri prestabbiliti tat-Tip I.

Tip ta' valur [1]	Tip ta' fjuwil jew materjal	Fattur ta' kalkolu [2]	Valur użat fil-prattika	Sors tal-valur u l-ġustifikazzjoni tiegħu	Numru ta' installazzjonijiet li għalihom l-awtorità kompetenti approvat il-valur

[1] Jekk jogħġbok agħżel taħt it-tip ta' valur: il-valur tat-tagħrif miftiehem mal-awtorità kompetenti jew il-valur prestabbilit tat-Tip I. Il-valuri tat-tagħrif imsemmijin fl-Artikolu 31(1) (c) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012 huma relatati mal-fatturi ta' kalkolu li jikkonċernaw it-tipi ta' fjuwil.

[2] Jekk jogħġbok agħżel taħt il-fattur ta' kalkolu: il-valur kalorifiku nett, il-fattur ta' emissjoni, il-fattur ta' ossidazzjoni, il-fattur ta' konverżjoni, il-kontenut ta' karbonju jew il-frazzjoni ta' bijomassa.

Kemm mill-valuri prestabbiliti tat-Tip I huma valuri elenkati fl-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 601/2012 kif imsemmijin fl-Artikolu 31(1) (a) ta' dak ir-regolament?

Numru totali ta' valuri prestabbiliti tat-Tip I li huma valuri kif imsemmijin fl-Artikolu 31(1) (a) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012	

5.8. Tfasslu pjanijiet tal-kampjunar fil-każijiet kollha meħtieġa skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Iva/Le

Jekk le, jekk jogħġbok indika hawn taħt il-każijiet u r-raġunijiet għaliex ma tfassalx pjan ta' kampjunar.

Taf b'xi problemi jew kwistjonijiet partikolari relatati mal-pjanijiet ta' kampjunar stabbiliti mill-operaturi? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika hawn taħt il-problemi jew il-kwistjonijiet li feġġew.

5.9. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika n-numru ta' installazzjonijiet li għalihom l-awtorità kompetenti awtorizzat frekwenza differenti skont l-Artikolu 35(2) (b) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012 kif ukoll konferma li l-pjan ta' kampjunar f'dawk il-każijiet qiegħed jiġi dokumentat bis-sħiħ u li qed tinżamm konformità miegħu.

Numru ta' fjuwil jew materjal	Numru ta' installazzjonijiet li għalihom l-awtorità kompetenti awtorizzat frekwenza differenti	Numru ta' flussi minn sors maġġuri li għalihom tiġi applikata frekwenza differenti	Konferma li l-pjan ta' kampjunar huwa dokumentat bis-sħiħ u li qed tinżamm konformità miegħu Iva/Le. Jekk le, jekk jogħġbok speċifika r-raġuni

5.10 Jekk l-approċċi tal-ogħla grad għal flussi minn sors maġġuri tal-installazzjonijiet tal-kategorija Ċ imsemmijin fl-Artikolu 19(2) (c) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012 mhumiex applikati, jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt, għal kull installazzjoni li fiha seħħet din is-sitwazzjoni, il-flussi minn sors maġġuri, il-parametru ta' monitoraġġ affettwat, l-ogħla grad meħtieġ skont ir-Regolament (UE) Nru 601/2012 u l-grad applikat.

Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni [1]	Fluss minn sors affettwat fil-metodoloġija bbażata fuq kalkolu	Sors minn emissjonijiet affettwat fil-metodoloġija bbażata fuq it-tkejjil	Parametru tal-monitoraġġ affettwat [2]	L-ogħla grad meħtieġ skont ir-Regolament (UE) Nru 601/2012	Grad applikat fil-prattika

[1] Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni rikonoxxut skont ir-Regolament (UE) Nru 389/2013.
[2] Jekk jogħġbok agħżel taħt il-parametru ta' monitoraġġ affettwat: il-kwantità ta' fjuwil, il-kwantità ta' materjal, il-valur kalorifiku nett, il-fattur ta' emissjoni, il-fattur ta' emissjoni preliminari, il-fattur ta' ossidazzjoni, il-fattur ta' konverżjoni, il-kontenut ta' karbonju, il-frazzjoni ta' bijomassa jew, fil-każ tal-metodoloġija bbażata fuq it-tkejjil: l-emissjonijiet annwali medji fis-siegħa f'kg/h mis-sors ta' emissjoni.

5.11. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika n-numru ta' installazzjonijiet tal-kategorija B imsemmijin fl-Artikolu 19(2) (b) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012 li ma japplikawx l-ogħla grad għall-flussi minn sors maġġuri kollha u s-sorsi ta' emissjonijiet ewlenin kollha [1] skont ir-Regolament (UE) Nru 601/2012.

Metodoloġija ta' monitoraġġ [1]	Attività ewlenija tal-Anness I	Numru ta' installazzjonijiet affettwati

[1] Jekk jogħġbok agħżel: il-metodoloġija bbażata fuq il-kalkolu jew il-metodoloġija bbażata fuq it-tkejjil.

5.12. L-installazzjonijiet fl-Istat Membru tiegħek applikaw l-approċċ sekondarju skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok imla t-tabella ta' hawn taħt.

Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni [1]	Raġuni għall-applikazzjoni tal-approċċ sekondarju [2]	Parametru, li għalih ma ntlaħaqx tal-inqas il-grad 1 [3]	Emissjonijiet stmati affettwati minn dan il-parametru

[1] Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni rikonoxxut skont ir-Regolament (UE) Nru 389/2013.
[2] Jekk jogħġbok agħżel:
(a) l-applikazzjoni tal-grad 1 mhijiex teknikament fattibbli jew twassal għal kostijiet eċċessivi għal fluss minn sors maġġuri wieħed;
(b) l-applikazzjoni tal-grad 1 mhijiex teknikament fattibbli jew twassal għal kostijiet eċċessivi għal fluss minn sors minuri wieħed;
(c) l-applikazzjoni tal-grad 1 mhijiex teknikament fattibbli jew twassal għal kostijiet eċċessivi għal iktar minn fluss minn sors maġġuri jew minuri wieħed; jew
(d) l-applikazzjoni tal-grad 1 fil-metodoloġija bbażata fuq it-tkejjil mhijiex teknikament fattibbli jew twassal għal kostijiet eċċessivi kif imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012.
[3] Jekk jogħġbok agħżel: il-kwantità ta' fjuwil, il-kwantità ta' materjal, il-valur kalorifiku nett, il-fattur ta' emissjoni, il-fattur ta' emissjoni preliminari, il-fattur ta' ossidazzjoni, il-fattur ta' konverżjoni, il-kontenut ta' karbonju, il-frazzjoni ta' bijomassa jew, fil-każ tal-metodoloġija bbażata fuq it-tkejjil: l-emissjonijiet annwali medji fis-siegħa f'kg/h mis-sors ta' emissjoni.

5.13. Jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt in-numru ta' installazzjonijiet tal-kategorija A, B u Ċ li kienu meħtieġa jissottomettu u li fil-fatt issottomettew rapport tat-titjib skont l-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012. L-informazzjoni fit-tabella ta' hawn taħt hija relatata mal-perjodu ta' rapportar ta' qabel.

Kategorija tal-installazzjoni	Attività ewlenija tal-Anness I	Tip ta' rapport tat-titjib [1]	Numru ta' installazzjonijiet meħtieġa jissottomettu rapport tat-titjib	Numru ta' installazzjonijiet li ssottomettew rapport tat-titjib fil-prattika

[1] Jekk jogħġbok agħżel: rapport tat-titjib skont l-Artikolu 69(1), rapport tat-titjib skont l-Artikolu 69(3) jew rapport tat-titjib skont l-Artikolu 69(4).

5.14. Fl-Istat Membru tiegħek ġie ttrasferit CO_2 inerenti skont l-Artikolu 48 jew CO_2 skont l-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok imla t-tabella ta' hawn taħt.

[1] Is-sorsi ta' emissjoni li jeħilsu iktar minn 5 000 tunnellata $CO_{2(e)}$ fis-sena jew li jikkontribwixxu għal iktar minn 10 % tal-emissjonijiet annwali totali tal-installazzjoni, skont liema minnhom hija l-ogħla f'termini ta' emissjonijiet assoluti.

Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni [1] tal-installazzjoni li tittrasferixxi CO_2 inerenti jew CO_2 skont l-Artikolu 49	Tip ta' trasferiment [2]	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni [3]	Ammont ta' CO_2 trasferit [4] (t CO_2)	Emissjonijiet ta' CO_2 inerenti riċevuti (t CO_2)	Tip ta' installazzjoni riċeventi fil-każ ta' trasferiment ta' CO_2 (Artikolu 49) [5]	Numru tal-permess għas-sit ta' ħżin (permess skont id-Direttiva 2009/31/KE)

[1] Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni rikonoxxut skont ir-Regolament (UE) Nru 389/2013.
[2] Jekk jogħġbok agħżel: trasferiment ta' CO_2 inerenti (Artikolu 48) jew trasferiment ta' CO_2 (Artikolu 49).
[3] Jekk jogħġbok ipprovdi jew il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni tal-installazzjoni li tirċievi CO_2 inerenti jew il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni tal-installazzjonijiet li jirċievu CO_2 skont l-Artikolu 49.
[4] Jekk jogħġbok ipprovdi l-ammont ta' CO_2 inerenti jew CO_2 trasferit skont l-Artikolu 49.
[5] Jekk jogħġbok agħżel:
— qbid ta' gassijiet serra minn installazzjoni koperta mid-Direttiva 2003/87/KE għall-fini tat-trasport u l-ħżin ġeoloġiku f'sit ta' ħżin awtorizzat skont id-Direttiva 2009/31/KE;
— trasport ta' gassijiet serra b'pajpijiet għal ħżin ġeoloġiku f'sit ta' ħżin awtorizzat skont id-Direttiva 2009/31/KE; jew
— ħżin ġeoloġiku tal-gassijiet serra f'sit ta' ħżin awtorizzat skont id-Direttiva 2009/31/KE.

5.15. Hemm teknoloġiji innovattivi previsti, minbarra dawk awtorizzati skont l-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012, li jistgħu jiġu applikati għall-ħżin permanenti u li għalihom tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni minħabba r-relevanza tagħhom għal emendi fil-ġejjieni fir-Regolament (UE) Nru 601/2012?

5.16. Kien hemm xi installazzjoni fl-Istat Membru tiegħek li applikat tkejjil kontinwu tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt, l-emissjonijiet totali ta' kull installazzjoni, l-emissjonijiet koperti minn tkejjil kontinwu tal-emissjonijiet, u jekk il-gass imkejjel fihx CO_2 tal-bijomassa.

Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni [1] tal-installazzjonijiet li jeħilsu CO_2	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni [2] tal-installazzjonijiet li jeħilsu N_2O	Emissjonijiet annwali totali (t $CO_{2(e)}$)	Emissjonijiet koperti minn tkejjil kontinwu (t $CO_{2(e)}$)	Il-gass mit-tromba taċ-ċumnija mkejjel fih bijomassa? Iva/Le

[1] Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni rikonoxxut skont ir-Regolament (UE) Nru 389/2013.
[2] Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni rikonoxxut skont ir-Regolament (UE) Nru 389/2013.

5.17. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika għal kull attività ewlenija elenkata fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE:

— in-numru ta' installazzjonijiet tal-kategorija A, B u Ċ li jużaw bijomassa;

— l-emissjonijiet totali minn bijomassa li jitqiesu li għandhom klassifika żero, jiġifieri jekk ma japplika ebda kriterju dwar is-sostenibbiltà jew jekk tinżamm konformità mal-kriterji dwar is-sostenibbiltà;

— l-emissjonijiet totali minn bijomassa li mhumiex meqjusin li għandhom klassifikazzjoni żero, jiġifieri jekk japplikaw il-kriterji dwar is-sostenibbiltà iżda m'hemmx konformità mal-kriterji dwar is-sostenibbiltà;

— il-kontenut enerġetiku tal-bijomassa li titqies li għandha klassifikazzjoni żero; u

— il-kontenut enerġetiku tal-bijomassa li ma titqiesx li għandha klassifikazzjoni żero.

Attività ewlenija tal-Anness I	Kategorija tal-installazzjoni	Emissjonijiet minn bijomassa li għaliha huma applikati u ssodisfati l-kriterji dwar is-sostenibbiltà u emissjonijiet minn bijomassa li għaliha ma japplika ebda kriterju dwar is-sostenibbiltà (t $CO_{2(e)}$)	Emissjonijiet minn bijomassa li għaliha japplikaw iżda mhumiex issodisfati l-kriterji dwar is-sostenibbiltà (t $CO_{2(e)}$)	Il-kontenut enerġetiku tal-bijomassa li titqies li għandha klassifikazzjoni żero (TJ)	Il-kontenut enerġetiku tal-bijomassa li ma titqiesx li għandha klassifikazzjoni żero (TJ)

Liema mill-metodi għall-wiri tal-konformità mal-kriterji dwar is-sostenibbiltà huma applikati ġeneralment fl-Istat Membru tiegħek? Jekk jogħġbok iddeskrivi hawn taħt l-elementi ewlenin jekk jintużaw sistemi nazzjonali biex tintwera din il-konformità.

5.18. X'kienet għal kull tip ta' skart il-kwantità totali ta' emissjonijiet ta' CO_2 fossili minn skart użat bħala fjuwil jew materjal ta' input, kif irrapportata mill-operaturi fir-rapport verifikat tagħhom dwar l-emissjonijiet? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Tip ta' skart	Emissjonijiet (t CO_2)

5.19. L-Istat Membru tiegħek awtorizza l-użu ta' xi pjan ta' monitoraġġ simplifikat skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika fit-tabella ta' hawn taħt x'tip ta' valutazzjoni tar-riskju saret u fuq liema prinċipji ssawret.

Tip ta' valutazzjoni tar-riskju ([1])	Prinċipji ġenerali tal-valutazzjoni tar-riskju

([1]) Jekk jogħġbok agħżel: valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-awtorità kompetenti jew valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-operatur.

5.20 Intużaw modi innovattivi biex tiġi simplifikata l-konformità għal installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi msemmijin fl-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika għal kull entrata fit-tabella ta' hawn taħt. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Modi innovattivi biex tiġi simplifikata l-konformità	Iva/Le
Gwida, mudelli u/jew eżempji speċifiċi mfasslin b'mod speċifiku	
Laboratorji ta' ħidma ddedikati għal installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi	
Mudell simplifikat għal pjanijiet ta' monitoraġġ	
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:	

5c. **Operaturi tal-inġenji tal-ajru**

Il-mistoqsijiet 5.26 u 5.27 iridu jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2014 u fir-rapporti ta' wara jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

5.21. Kemm-il operatur tal-inġenji tal-ajru qed jużaw il-Metodu A jew B biex jiddeterminaw il-konsum tal-fjuwil? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt.

Metodu għad-determinazzjoni tal-konsum tal-fjuwil	Numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru	Sehem (f'%) ta' emittenti żgħar (tan-numru totali ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru fit-tieni kolonna) li jiddeterminaw il-konsum tal-fjuwil
Metodu A		
Metodu B		
Metodu A u B		

5.22 Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok speċifika l-emissjonijiet totali aggregati tat-titjiriet u t-titjiriet domestiċi kollha mwettqin fil-perjodu ta' rapportar minn operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom int l-Istat Membru ta' amministrazzjoni.

Emissjonijiet totali ta' titjiriet imwettqin minn operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom int l-Istat Membru ta' amministrazzjoni (t CO_2)	Emissjonijiet totali ta' titjiriet domestiċi mwettqin minn operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom int l-Istat Membru ta' amministrazzjoni (t CO_2)

5.23 Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika:

— in-numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li jużaw bijofjuwils;

— l-emissjonijiet totali minn bijofjuwils li jitqiesu li għandhom klassifikazzjoni żero, jiġifieri fejn tinżamm konformità mal-kriterji dwar is-sostenibbiltà;

— l-emissjonijiet totali minn bijofjuwils li ma jitqisux li għandhom klassifikazzjoni żero, jiġifieri fejn il-kriterji dwar is-sostenibbiltà japplikaw iżda ma tinżammx konformità mal-kriterji dwar is-sostenibbiltà;

— il-kontenut enerġetiku tal-bijofjuwils li jitqies li għandu klassifikazzjoni żero; u

— il-kontenut enerġetiku tal-bijofjuwils li ma jitqiesx li għandu klassifikazzjoni żero.

Numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li jużaw bijofjuwils	Emissjonijiet minn bijofjuwils li għalihom huma applikati u ssodisfati kriterji dwar is-sostenibbiltà (t CO_2)	Emissjonijiet minn bijofjuwils li għalihom japplikaw iżda ma ġewx issodisfati l-kriterji dwar is-sostenibbiltà (t CO_2)	Il-kontenut enerġetiku ta' bijofjuwils bi klassifikazzjoni żero (TJ)	Il-kontenut enerġetiku ta' bijofjuwils mhux bi klassifikazzjoni żero (TJ)

5.24. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika:

— in-numru ta' emittenti żgħar li jużaw l-għodda tal-emittenti żgħar (SET) biex jiddeterminaw il-konsum ta' fjuwil;

— in-numru ta' emittenti żgħar li r-rapport tagħhom dwar l-emissjonijiet huwa bbażat fuq l-SET u ġġenerat mill-faċilità ta' appoġġ tal-EU ETS b'mod indipendenti minn kwalunkwe kontribut tal-operatur tal-inġenji tal-ajru;

— in-numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li jużaw metodu alternattiv biex jiddeterminaw l-emissjonijiet ta' titjiriet neqsin; u

— in-numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li jużaw l-għodda tal-emittenti żgħar biex jiddeterminaw l-emissjonijiet ta' titjiriet neqsin skont l-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012.

In-numru ta' emittenti żgħar li jużaw l-għodda tal-emittenti żgħar (SET) biex jiddeterminaw il-konsum tal-fjuwil	
In-numru ta' emittenti żgħar li r-rapport tagħhom dwar l-emissjonijiet huwa bbażat fuq l-SET u ġġenerat mill-faċilità ta' appoġġ tal-EU ETS b'mod indipendenti minn kwalunkwe kontribut tal-operatur tal-inġenji tal-ajru	
In-numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li jużaw metodu alternattiv biex jiddeterminaw l-emissjonijiet ta' titjiriet neqsin	
In-numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li jużaw l-għodda msemmija fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012 biex jiddeterminaw l-emissjonijiet ta' titjiriet neqsin	

5.25. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika n-numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li kienu meħtieġa jissottomettu u li fil-fatt issottomettew rapport tat-titjib skont l-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012. L-informazzjoni mitluba fit-tabella ta' hawn taħt hija relatata mal-perjodu ta' rapportar ta' qabel.

In-numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li meħtieġa jissottomettu rapport tat-titjib	In-numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru li ssottomettew rapport tat-titjib fil-prattika

5.26. L-Istat Membru tiegħek awtorizza l-użu ta' xi pjan ta' monitoraġġ simplifikat skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Iva/Le.

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika fit-tabella ta' hawn taħt x'tip ta' valutazzjoni tar-riskju saret u fuq liema prinċipji ssawret.

Tip ta' valutazzjoni tar-riskju [1]	Prinċipji ġenerali tal-valutazzjoni tar-riskju

[1] Jekk jogħġbok agħżel: valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-awtorità kompetenti jew valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-operatur ta' inġenji tal-ajru.

5.27. Intużaw modi innovattivi biex tiġi simplifikata l-konformità għal emittenti żgħar kif imsemmi fl-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika għal kull entrata fit-tabella ta' hawn taħt. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Modi innovattivi użati biex tiġi simplifikata l-konformità	Iva/Le
Gwida mfassla b'mod speċifiku u eżempji speċifiċi	
Laboratorji ta' ħidma mfasslin b'mod speċifiku għal emittenti żgħar	
Mudell simplifikat għal pjanijiet ta' monitoraġġ	
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:	

6. **Arranġamenti għal verifika**

6.A **Ġenerali**

6.1. Jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt in-numru ta' verifikaturi akkreditati għal ambitu partikolari tal-akkreditazzjoni kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 600/2012. Jekk l-Istati Membri awtorizzaw iċ-ċertifikazzjoni ta' verifikaturi ta' persuni fiżiċi skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 600/2012, jekk jogħġbok indika wkoll in-numru ta' verifikaturi ta' persuni fiżiċi ċċertifikati għal ambitu partikolari taċ-ċertifikazzjoni kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 600/2012.

Ambitu tal-akkreditazzjoni jew ċertifikazzjoni elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 600/2012	Numru ta' verifikaturi akkreditati fl-Istat Membru tiegħek	Numru ta' verifikaturi ċertifikati fl-Istat Membru tiegħek

6.2. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni fuq l-applikazzjoni tar-rekwiżiti dwar l-iskambju ta' informazzjoni speċifikati fil-Kapitolu VI tar-Regolament (UE) Nru 600/2012

Informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżiti dwar l-iskambju ta' informazzjoni speċifikati fil-Kapitolu VI tar-Regolament (UE) Nru 600/2012			
In-numru ta' verifikaturi akkreditati minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni fi Stat Membru ieħor li wettqu verifika fl-Istat Membru tiegħek	Għal installazzjonijiet	Għall-avjazzjoni	
In-numru ta' verifikaturi ċċertifikati minn awtorità nazzjonali ta' ċertifikazzjoni fi Stat Membru ieħor li wettq verifika fl-Istat Membru tiegħek (jekk relevanti)	Għal installazzjonijiet	Għall-avjazzjoni	
In-numru ta' miżuri amministrattivi imposti fuq verifikaturi akkreditati mill-Istat Membru tiegħek	Sospensjoni	Irtirar tal-akkreditazzjoni	Tnaqqis tal-ambitu

In-numru ta' miżuri amministrattivi imposti fuq il-verifikaturi ċċertifikati mill-Istat Membru tiegħek (jekk relevanti)	Sospensjoni	Irtirar tal-akkreditazzjoni	Tnaqqis tal-ambitu

In-numru ta' drabi li l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni fl-Istat Membru tiegħek talab lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni fi Stat Membru ieħor sabiex iwettaq sorveljanza f'ismu skont l-Artikolu 49(5) tar-Regolament (UE) Nru 600/2012	

In-numru ta' lmenti li saru kontra verifikaturi akkreditati mill-Istat Membru tiegħek u n-numru ta' dawk solvuti	Numru ta' lmenti li saru	Numru ta' lmenti solvuti

In-numru ta' lmenti li saru kontra verifikaturi ċċertifikati mill-Istat Membru tiegħek u n-numru ta' dawk solvuti	Numru ta' lmenti li saru	Numru ta' lmenti solvuti

In-numru ta' nuqqasijiet ta' konformità pendenti għal verifikaturi rrapportati fl-iskambju ta' informazzjoni u n-numru ta' dawk li ġew solvuti	Numru ta' nuqqasijiet ta' konformità	Numru ta' nuqqasijiet ta' konformità solvuti

6B **Installazzjonijiet**

6.3. Għal liema installazzjonijiet l-awtorità kompetenti għamlet stima konservattiva tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 70(1) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni [1]	Emissjonijiet annwali totali tal-installazzjoni (t $CO_{2(e)}$)	Raġuni għaliex saret stima konservattiva [2]	Sehem (f'%) tal-emissjonijiet tal-installazzjoni stmati b'mod konservattiv	Metodu użat għall-istima konservattiva tal-emissjonijiet	Azzjoni ulterjuri meħuda jew proposta [3]

[1] Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni rikonoxxut skont ir-Regolament (UE) Nru 389/2013.

[2] Jekk jogħġbok speċifika: ebda rapport dwar l-emissjonijiet sottomess sal-31 ta' Marzu, ebda verifika pożittiva minħabba dikjarazzjonijiet żbaljati materjali, ebda verifika pożittiva minħabba limitazzjoni tal-ambitu (Artikolu 27(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 600/2012, ebda verifika pożittiva minħabba l-Artikolu 27(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 600/2012, rapport dwar l-emissjonijiet rifjutat għaliex ma kienx konformi mar-Regolament (UE) Nru 601/2012, jew ir-rapport dwar l-emissjonijiet mhux verifikat b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 600/2012.

[3] Jekk jogħġbok indika liema mill-azzjonijiet li ġejjin twettqu jew qed jiġu proposti: tfakkira jew twissija formali fuq l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet mibgħuta lill-operaturi, l-imblokkar tal-kont ta' depożitu tal-operatur, l-impożizzjoni ta' multi, jew oħrajn (jekk jogħġbok speċifika). Taħlita tal-azzjonijiet hija possibbli.

6.4. Kien hemm xi rapport ta' verifika li inkluda dikjarazzjonijiet żbaljati mhux materjali, nuqqasijiet ta' konformità li ma wasslux għal dikjarazzjoni ta' opinjoni ta' verifika negattiva, nuqqas ta' konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 jew rakkomandazzjonijiet għal titjib? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni fit-tabella ta' hawn taħt:

Attività ewlenija tal-Anness I	Tip ta' problema misjuba (1)	Numru ta' installazzjonijiet	Raġunijiet ewlenin għall-problema/i misjuba (b'mod ġenerali) (2)	Sehem (f'%) ta' rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet li wasslu għal stima konservattiva tal-emissjonijiet mill-awtorità kompetenti

(1) Jekk jogħġbok speċifika: dikjarazzjonijiet żbaljati mhux materjali, nuqqasijiet ta' konformità li ma wasslux għal dikjarazzjoni ta' opinjoni ta' verifika negattiva, nuqqas ta' konformità mar-Regolament (UE) Nru 601/2012, rakkomandazzjonijiet għal titjib.
(2) Għandha tiddaħħal biss informazzjoni ta' livell għoli dwar ir-raġunijiet ewlenin. Ma hemmx bżonn ta' speċifikazzjoni ta' kull dikjarazzjoni żbaljata, nuqqas ta' konformità, nuqqas ta' aderenza jew rakkomandazzjoni individwali.

6.5. L-awtorità kompetenti għamlet xi verifika fuq ir-rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika x'verifiki saru billi tuża t-tabella ta' hawn taħt:

Kontrolli fuq ir-rapporti ta' verifika verifikati		
Sehem mir-rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet għal kompletezza u konsistenza interna.	%	
Sehem mir-rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet għal konsistenza mal-pjan ta' monitoraġġ	%	
Sehem mir-rapporti dwar l-emissjonijiet li ġew kontroverifikati ma' dejta dwar l-allokazzjoni	%	
Sehem mir-rapporti dwar l-emissjonijiet li ġew kontroverifikati ma' dejta oħra Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni fuq ma' liema dejta oħra saru kontroverifiki billi tuża t-tielet kolonna	%	
Sehem mir-rapporti dwar l-emissjonijiet li ġew analizzati f'dettall Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni fuq il-kriterji użati għall-għażla tar-rapporti dwar l-emissjonijiet għal analiżi dettaljata billi tuża t-tielet kolonna (1)	%	
Numru ta' spezzjonijiet tal-installazzjonijiet li saru permezz taż-żjariet fuq il-post mill-awtorità kompetenti		
Numru ta' rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet li ġew rifjutati minħabba nuqqas ta' konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012		
Numru ta' rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet li ġew rifjutati minħabba raġunijiet oħrajn Jekk jogħġbok indika r-raġunijiet għar-rifjut tar-rapporti dwar l-emissjonijiet billi tuża t-tielet kolonna		
Azzjoni meħuda minħabba rifjut tar-rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet		
Azzjoni oħra meħuda minħabba verifiki fuq rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet		

(1) Jekk jogħġbok agħżel: valutazzjoni bbażata fuq ir-riskji, % tal-installazzjonijiet, l-installazzjonijiet kollha tal-kategorija Ċ, għażla għal għarrieda, jew oħrajn (jekk oħrajn, jekk jogħġbok speċifika).

6.6. Ġew rinunzjati żjariet fuq il-post għal installazzjonijiet li jeħilsu iktar minn 25 000 tunnellata $CO_{2(e)}$ fis-sena? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt in-numru ta' installazzjonijiet li għalihom ġiet rinunzjata żjara fuq il-post għal kundizzjoni partikolari. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Kundizzjoni għar-rinunzja taż-żjara fuq il-post [1]	Attività ewlenija tal-Anness I	Numru ta' installazzjonijiet

[1] Jekk jogħġbok agħżel il-kundizzjoni(jiet) kif imsemmijin fin-Nota ewlenija ta' gwida tal-Kummissjoni II.5 Żjariet fuq il-post li jikkonċernaw installazzjonijiet, it-taqsima 3: Kundizzjoni I, Kundizzjoni II, Kundizzjoni III jew Kundizzjoni IV.

Ġew rinunzjati żjariet fuq il-post għal installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi msemmijin fl-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt in-numru ta' installazzjonijiet li għalihom ġiet rinunzjata żjara fuq il-post.

In-numru totali ta' żjariet fuq il-post rinunzjati għal installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi	

6.C. **Operaturi tal-inġenji tal-ajru**

6.7. Għal liema operaturi tal-inġenji tal-ajru l-awtorità kompetenti għamlet stima konservattiva tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 70(1) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur tal-inġenji tal-ajru [1]	Emissjonijiet annwali totali tal-operatur tal-inġenji tal-ajru (t $CO_{2(e)}$)	Raġuni għaliex saret stima konservattiva [2]	Sehem (f'%) tal-emissjonijiet tal-operatur tal-inġenji tal-ajru stmati b'mod konservativ	Metodu użat għall-istima konservattiva tal-emissjonijiet	Azzjoni ulterjuri meħuda jew proposta [3]

[1] Il-Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ta' inġenji tal-ajru rikonoxxut skont ir-Regolament (UE) Nru 389/2013.
[2] Jekk jogħġbok agħżel: ebda rapport dwar l-emissjonijiet sottomess sal-31 ta' Marzu, ebda verifika pożittiva minħabba dikjarazzjoni żbaljati materjali, ebda verifika pożittiva minħabba limitazzjoni tal-ambitu (Artikolu 27(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 600/2012, ebda verifika pożittiva minħabba l-Artikolu 27(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 600/2012, rapport dwar l-emissjonijiet rifjutat għaliex ma kienx konformi mar-Regolament (UE) Nru 601/2012, rapport dwar l-emissjonijiet mhux verifikat b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 600/2012.
[3] Jekk jogħġbok indika liema mill-azzjonijiet li ġejjin twettqu jew qed jiġu proposti: tfakkira jew twissija formali fuq l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet mibgħuta lill-operaturi, l-imblokkar tal-kont ta' depożitu tal-operatur, l-impożizzjoni ta' multi, jew ohrajn (jekk jogħġbok speċifika). Taħlita tal-azzjonijiet hija possibbli.

6.8. Kien hemm xi rapport ta' verifika li inkluda dikjarazzjonijiet żbaljati mhux materjali, nuqqasijiet ta' konformità li ma wasslux għal dikjarazzjoni ta' opinjoni ta' verifika negattiva, nuqqas ta' konformità mar-Regolament (UE) Nru 601/2012 jew rakkomandazzjonijiet għal titjib? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni fit-tabelli ta' hawn taħt għad-dejta dwar l-emissjonijiet u t-tunnellati-kilometri rispettivament.

Tabella għad-dejta relatata mar-rapporti dwar l-emissjonijiet

Tip ta' problema misjuba [1]	Numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru	Raġunijiet ewlenin għall-problema/i misjuba (b'mod ġenerali) [2]	Sehem (f'%) mir-rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet li wasslu għal stima konservattiva tal-emissjonijiet mill-awtorità kompetenti

[1] Jekk jogħġbok agħżel: dikjarazzjonijiet żbaljati mhux materjali, nuqqasijiet ta' konformità li ma wasslux għal dikjarazzjoni ta' opinjoni ta' verifika negattiva, nuqqas ta' konformità mar-Regolament (UE) Nru 601/2012 jew rakkomandazzjonijiet għal titjib.
[2] Għandha tiddaħħal biss informazzjoni ta' livell għoli dwar ir-raġunijiet ewlenin. Ma hemmx bżonn ta' speċifikazzjoni ta' kull dikjarazzjoni żbaljata, nuqqas ta' konformità, nuqqas ta' aderenza jew rakkomandazzjoni individwali.

Tabella għal dejta relatata mar-rapporti dwar it-tunnellati-kilometri

Tip ta' problema misjuba (1)	Numru ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru	Raġunijiet ewlenin għall-problema/i misjuba (b'mod ġenerali) (2)

(1) Jekk jogħġbok agħżel: dikjarazzjonijiet żbaljati mhux materjali, nuqqasijiet ta' konformità li ma wasslux għal dikjarazzjoni ta' opinjoni ta' verifika negattiva, nuqqas ta' konformità mar-Regolament (UE) Nru 601/2012 jew rakkomandazzjonijiet għal titjib.

(2) Għandha tiddaħħal biss informazzjoni ta' livell għoli dwar ir-raġunijiet ewlenin. Ma hemmx bżonn ta' speċifikazzjoni ta' kull dikjarazzjoni żbaljata, nuqqas ta' konformità, nuqqas ta' aderenza jew rakkomandazzjoni individwali.

6.9. L-awtorità kompetenti għamlet xi verifika fuq ir-rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika x'verifiki saru billi tuża t-tabella ta' hawn taħt għad-dejta dwar l-emissjonijiet u t-tunnellati-kilometri rispettivament.

Tabella għad-dejta relatata mar-rapporti dwar l-emissjonijiet

Kontrolli fuq ir-rapporti ta' verifika verifikati		
Sehem mir-rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet għal kompletezza u konsistenza interna.	%	
Sehem mir-rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet għal konsistenza mal-pjan ta' monitoraġġ	%	
Sehem mir-rapporti dwar l-emissjonijiet li ġew kontroverifikati ma' dejta oħra Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni fuq ma' liema dejta oħra saru kontroverifiki billi tuża t-tielet kolonna	%	
Sehem mir-rapporti dwar l-emissjonijiet li ġew analizzati f'dettall Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni fuq il-kriterji użati għall-għażla tar-rapporti dwar l-emissjonijiet għal analiżi dettaljata billi tuża t-tielet kolonna (1)	%	
Numru ta' spezzjonijiet tal-installazzjonijiet li saru permezz taż-żjariet fuq il-post mill-awtorità kompetenti		
Numru ta' rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet li ġew rifjutati minħabba nuqqas ta' konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni 601/2012		
Numru ta' rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet li ġew rifjutati minħabba raġunijiet oħrajn Jekk jogħġbok indika r-raġunijiet għar-rifjut tar-rapporti dwar l-emissjonijiet billi tuża t-tielet kolonna		
Azzjoni meħuda minħabba rifjut tar-rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet		
Azzjoni oħra meħuda minħabba verifiki fuq rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet		

(1) Jekk jogħġbok agħżel: valutazzjoni bbażata fuq ir-riskji, % tal-installazzjonijiet, l-installazzjonijiet kollha tal-kategorija Ċ, għażla għal għarrieda, jew oħrajn (jekk oħrajn, jekk jogħġbok speċifika).

Tabella għal dejta relatata ma' rapporti dwar it-tunnellati-kilometri

Verifiki fuq ir-rapporti dwar it-tunnellati-kilometri		
Sehem mir-rapporti dwar it-tunnellati-kilometri verifikati għal kompletezza u konsistenza interna	%	

Sehem mir-rapporti dwar it-tunnellati-kilometri verifikati għal konsistenza mal-pjan ta' monitoraġġ	%	
Sehem mir-rapporti dwar it-tunnellati-kilometri li ġew kontroverifikati ma' dejta oħra Jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li magħha saru kontroverifiki tad-dejta oħrajn billi tuża t-tielet kolonna	%	
Sehem mir-rapporti dwar it-tunnellati-kilometri li ġew analizzati f'dettall Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-kriterji użati għall-għażla tar-rapporti dwar it-tunnellati-kilometri għal analiżi dettaljata billi tuża t-tielet kolonna ([1])	%	
Numru ta' spezzjonijiet imwettqin fuq operaturi tal-inġenji tal-ajru		
Numru ta' rapporti verifikati dwar it-tunnellati-kilometri rifjutati minħabba nuqqas ta' konformità mar-Regolament (UE) Nru 601/2012		
Numru ta' rapporti verifikati dwar it-tunnellati-kilometri rifjutati minħabba raġunijiet oħrajn Jekk jogħġbok indika r-raġunijiet għar-rifjut tar-rapporti dwar it-tunnellati-kilometri billi tuża t-tielet kolonna		
Azzjoni meħuda minħabba verifiki fuq rapporti verifikati dwar it-tunnellati-kilometri		

([1]) Jekk jogħġbok agħżel: valutazzjoni bbażata fuq ir-riskji, % tal-operaturi ta' inġenji tal-ajru, operaturi ta' inġenji tal-ajru kbar, għażla għal għarrieda, jew oħrajn (jekk oħrajn, jekk jogħġbok speċifika).

6.10. Ġew rinunzjati żjariet fuq il-post għal emittenti żgħar imsemmijin fl-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt in-numru ta' emittenti żgħar li għalihom ġiet rinunzjata żjara fuq il-post.

Numru totali ta' żjariet fuq il-post rinunzjati għal emittenti żgħar	

7. **Reġistri**

7.1. Jekk jogħġbok ehmeż kopja tat-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-Istat Membru tiegħek meħtieġa li jiġu ffirmati mid-detenturi ta' kontijiet.

7.2. Fil-każijiet kollha fejn kont ingħalaq għaliex ma kienx hemm prospettiva raġonevoli sabiex jiġu ċeduti iktar kwoti minn installazzjoni jew operatur tal-inġenji tal-ajru, jekk jogħġbok iddeskrivi fit-tabella ta' hawn taħt għaliex ma kien hemm ebda prospettiva raġonevoli ulterjuri u ddikjara l-ammont ta' kwoti pendenti. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni/l-operatur ([1])	Isem l-operatur	Isem l-installazzjoni	Numru ta' kwoti pendenti	Raġuni għaliex ma hemmx prospettiva raġonevoli oħra

([1]) Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni rikonoxxut skont ir-Regolament (UE) Nru 389/2013.

7.3. F'kemm-il okkażjoni matul is-sena ta' rapportar l-operaturi tal-inġenji tal-ajru użaw il-mandat kif stipulat fl-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 389/2013 ([1])? Jekk jogħġbok speċifika hawn taħt in-numru ta' drabi.

Numru ta' drabi li ntuża l-mandat matul il-perjodu ta' rapportar	

Liema operaturi tal-inġenji tal-ajru użaw mandat matul il-perjodu ta' rapportar kif stipulat fl-Artikolu 17(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013? Jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni billi tuża t-tabella ta' hawn taħt. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

([1]) ĠU L 122, 3.5.2013, p. 1.

Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur tal-inġenji tal-ajru ([1])	Isem l-operatur tal-inġenji tal-ajru

([1]) Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operaturi ta' inġenji tal-ajru rikonoxxut skont ir-Regolament (UE) Nru 389/2013.

8. **Kwota**

8.1. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok speċifika n-numru ta' bidliet li seħħew fl-installazzjonijiet u l-kwoti tagħhom mill-bidu tat-tielet perjodu ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u matul il-perjodu ta' rapportar.

	Matul il-perjodu ta' rapportar		Mill-bidu tat-tielet perjodu ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet	
Raġuni għall-bidla fil-kwoti	Numru ta' bidliet fil-perjodu ta' rapportar	Kwantità ta' kwoti tal-emissjonijiet li jikkorrispondu għall-bidliet kollha fil-perjodu ta' rapportar	Numru ta' bidliet mill-bidu tat-tielet perjodu ta' negozjar	Kwantità ta' kwoti tal-emissjonijiet li jikkorrispondu għall-bidliet kollha mill-bidu tat-tielet perjodu ta' negozjar
Kwota għal installazzjonijiet ġodda jew subinstallazzjonijiet ġodda kif imsemmi fl-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE (ĠU L 130, 17.5.2011, p. 1)				
Estensjonijiet sinifikanti fil-kapaċità kif imsemmi fl-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni 2011/278/UE				
Ċessjoni kif imsemmi fl-Artikolu 22(1)(a) – (d) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE				
Ċessjoni kif imsemmi fl-Artikolu 22(1)(e) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE				
Tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità kif imsemmi fl-Artikolu 21 tad-Deċiżjoni 2011/278/UE				
Ċessjoni parzjali kif imsemmi fl-Artikolu 23 tad-Deċiżjoni 2011/278/UE				

8.2. Kien hemm xi bidla ppjanata jew effettiva fil-kapaċità, fil-livelli ta' attività jew fl-operazzjoni ta' installazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 24 tad-Deċiżjoni 2011/278/EU, li ma ġietx notifikata lill-awtorità kompetenti? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika fit-tabella ta' hawn taħt kemm-il installazzjoni kkonċernat u ġew identifikati dawn il-bidliet.

Numru ta' installazzjonijiet li ma nnotifikawx bidliet ippjanati jew effettivi	Kif ġew identifikati l-bidliet ippjanati jew effettivi

8.3. Applikajt l-Artikolu 10c tad-Direttiva 2003/87/KE? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi fit-tabella ta' hawn taħt in-numru totali ta' kwoti tal-emissjonijiet maħruġin u l-valur sħiħ ta' investimenti li saru skont l-Artikolu 10c tad-Direttiva 2003/87/KE fil-perjodu ta' rapportar?

	Fi ħdan il-perjodu ta' rapportar
Numru totali ta' kwoti tal-emissjonijiet maħruġin skont l-Artikolu 10c tad-Direttiva 2003/87/KE	
Valur sħiħ ta' investimenti skont l-Artikolu 10c tad-Direttiva 2003/87/KE	

9. **Użu ta' unitajiet ta' tnaqqis tal-emissjonijiet (ERUs) u tnaqqis iċċertifikat ta' emissjonijiet (CERs) fl-iskema tal-Komunità**

Il-mistoqsija 9.1 trid titwieġeb fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2014 u fir-rapporti ta' wara jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

9.1. X'miżuri ttieħdu, qabel ma nħarġet ittra ta' approvazzjoni għal proġett, biex jiġi żgurat ir-rispett tal-kriterji u l-linji gwida internazzjonali relevanti, inklużi dawk li jinsabu fir-Rapport Finali tal-2000 tal-Kummissjoni Dinjija dwar id-Digi (WCD), matul l-iżvilupp ta' proġetti ta' produzzjoni tal-enerġija idroelettrika b'kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' iktar minn 20MW? Jekk jogħġbok wieġeb billi tuża t-tabella ta' hawn taħt. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Miżuri meħudin biex jiġi żgurat li ġew irrispettati l-kriterji u l-linji gwida internazzjonali relevanti, inklużi dawk li jinsabu fir-Rapport finali tad-WCD.	Iva/Le	Kummenti
Il-parteċipanti fil-proġetti huma obbligati bil-liġi li jaderixxu mal-kriterji u l-linji gwida internazzjonali relevanti, inklużi dawk li jinsabu fir-Rapport ta' Novembru 2000 tal-Kummissjoni Dinjija dwar id-Digi 'Dams and Development – A New Framework for Decision-Making' ('Digi u Żvilupp – Qafas Ġdid għat-Teħid ta' Deċiżjonijiet')		
L-aderenza mal-kriterji u l-linji gwida internazzjonali relevanti, inklużi dawk li jinsabu fir-Rapport ta' Novembru 2000 tal-Kummissjoni Dinjija dwar id-Digi 'Dams and Development – A New Framework for Decision-Making', hija verifikata. Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika l-awtorità relevanti, eż. l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nazzjonali magħżula (DNA) billi tuża l-kolonna tal-kummenti		
Meta tapprova attivitajiet ta' proġett ta' produzzjoni tal-enerġija idroelettrika b'kapaċità ta' ġenerazzjoni li taqbeż l-20 MW, id-DNA jew awtorità relevanti oħra hija meħtieġa taderixxi għal sett ta' linji gwida armonizzati dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 11b(6) tad-Direttiva 2003/87/KE, maqbulin mill-Istati Membri fil-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima		
Il-proponenti tal-proġetti jridu jissottomettu rapport validat ta' konformità mal-Artikolu 11b(6) skont il-linji gwida armonizzati. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi d-dokumenti jew il-ħoloq relevanti fuq il-web billi tuża l-kolonna tal-kummenti		
Entitajiet minbarra entitajiet operazzjonali magħżulin (DOEs) huma awtorizzati jwettqu wkoll validazzjoni tar-Rapport ta' Konformità mal-Artikolu 11b(6). Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika liema huma dawn l-entitajiet billi tuża l-kolonna tal-kummenti		
L-attivitajiet tal-proġetti huma approvati skont il-linji gwida armonizzati. Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika n-numru ta' attivitajiet tal-proġetti billi tuża l-kolonna tal-kummenti		
Il-pubbliku ġenerali għandu aċċess għal informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-proġetti ta' produzzjoni idroelettrika approvati fl-Istat Membru tiegħek skont l-Artikolu 11 b(6) tad-Direttiva 2003/87/KE. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni fuq dan l-aċċess billi tinkludi l-ħoloq fuq il-web, jekk ikunu disponibbli, billi tuża l-kolonna tal-kummenti		
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:		

10. **Tariffi u imposti**

Il-mistoqsijiet 10.1, 10.2 u 10.3 iridu jitwieġbu biss fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2014 u fir-rapporti ta' wara jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

10.A **Installazzjonijiet**

10.1 L-operaturi jintalbu jħallsu tariffi? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-tabella ta' hawn taħt rigward it-tariffi mitlubin għall-ħruġ u l-aġġornament tal-permessi u l-approvazzjoni u l-aġġornament tal-pjanijiet ta' monitoraġġ.

Raġuni għat-tariffa/deskrizzjoni	Ammont f'euro
Ħruġ tal-permess/approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ	
Aġġornament tal-permess	
Trasferiment tal-permess	
Ċessjoni tal-permess	
Applikazzjoni ta' riżerva għal min jidħol ġdid	
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:	

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji għat-tariffi annwali ta' sussistenza billi tuża t-tabella li ġejja.

Raġuni għat-tariffa/deskrizzjoni	Ammont f'euro
Imposta annwali ta' sussistenza	
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika	

10.B **Operaturi tal-inġenji tal-ajru**

10.2 L-operaturi tal-inġenji tal-ajru jintalbu jħallsu tariffa? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-tabella ta' hawn taħt rigward it-tariffi mitlubin għall-approvazzjoni u l-aġġornament tal-pjanijiet ta' monitoraġġ.

Raġuni għat-tariffa/deskrizzjoni	Ammont f'euro
Approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ għall-emissjonijiet	
Approvazzjoni ta' bidla fil-pjan ta' monitoraġġ għall-emissjonijiet	
Approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ għad-dejta dwar it-tunnellati-kilometri	
Approvazzjoni ta' bidla fil-pjan ta' monitoraġġ għad-dejta dwar it-tunnellati-kilometri	
Trasferiment tal-pjan ta' monitoraġġ	
Ċediment tal-pjan ta' monitoraġġ	
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika	

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi fit-tabella ta' hawn taħt id-dettalji għat-tariffi annwali ta' sussistenza.

Raġuni għat-tariffa/deskrizzjoni	Ammont f'euro
Tariffa annwali ta' sussistenza	
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika	

10.C **Installazzjonijiet u operaturi tal-inġenji tal-ajru**

10.3 Fit-tabelli ta' hawn taħt, jekk jogħġbok speċifika t-tariffi ta' darba u dawk annwali li jintalbu lill-operaturi u operaturi tal-inġenji tal-ajru fir-rigward tal-kontijiet tar-reġistru.

Tabella għat-tariffi ta' darba

Raġuni għat-tariffa/deskrizzjoni	Ammont f'euro

Tabella għat-tariffi annwali

Raġuni għat-tariffa/deskrizzjoni	Ammont f'euro

11. **Kwistjonijiet relatati mal-konformità mad-Direttiva dwar l-ETS**

11.A. **Installazzjonijiet**

Il-mistoqsijiet 11.1 u 11.2 iridu jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2014 u fir-rapporti ta' wara jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

11.1. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok speċifika x'miżuri ttieħdu biex jiġi żgurat li l-operaturi kkonformaw mal-permess u r-Regolament (UE) Nru 601/2012 u mar-Regolament (UE) Nru 600/2012. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Miżuri meħudin biex tiġi żgurata konformità	Iva/Le
Verifiki għal għarrieda u spezzjoni tal-implimentazzjoni u l-konformità mill-installazzjonijiet mal-pjan ta' monitoraġġ u r-Regolamenti (UE) Nru 601/2012 (UE) Nru 600/2012	
Laqgħat regolari mal-industrija u/jew verifikaturi	
L-iżgurar li l-bejgħ tal-kwoti tal-emissjonijiet huwa projbit fil-każ ta' irregolaritajiet	
Pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-operaturi li mhumiex konformi mar-Regolament (UE) Nru 601/2012	
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:	

11.2. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok iddikjara l-penali għall-ksur tar-Regolament (UE) Nru 601/2012, ir-Regolament (UE) Nru 600/2012 u l-liġi nazzjonali skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87/KE. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Tip ta' ksur	Multi f'euro		Priġunerija f'xhur		Oħrajn
	Min	Mass	Min	Mass	
Operazzjoni bla permess					
Nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet tal-permess					
Nuqqas ta' pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti					

Tip ta' ksur	Multi f'euro		Priġunerija f'xhur		Oħrajn
	Min	Mass	Min	Mass	
Nuqqas ta' sottomissjoni ta' dokumenti ta' sostenn skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012					
Nuqqas ta' pjan(ijiet) ta' kampjunar meħtieġ(a) approvat(i) mill-awtorità kompetenti					
Nuqqas ta' monitoraġġ skont il-pjan approvat ta' monitoraġġ u r-Regolament (UE) Nru 601/2012					
Il-garanzija tal-kwalità tat-tagħmir tat-tkejjil mhijiex konformi mar-Regolament (UE) Nru 601/2012					
Nuqqas ta' implimentazzjoni tal-proċeduri meħtieġa mir-Regolament (UE) Nru 601/2012					
Nuqqas ta' notifika tal-bidliet fil-pjan ta' monitoraġġ u aġġornament tal-pjan ta' monitoraġġ skont l-Artikoli 14-16 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012					
Nuqqas ta' sottomissjoni ta' rapport verifikat dwar l-emissjonijiet fil-ħin					
Nuqqas ta' sottomissjoni ta' rapport(i) tat-titjib skont l-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012					
Nuqqas ta' forniment tal-informazzjoni tal-verifikatur skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 600/2012					
Ir-rapport verifikat dwar l-emissjonijiet jinstab mhux konformi mar-Regolament (UE) Nru 601/2012					
Nuqqas ta' notifika ta' bidliet ippjanati jew effettivi fil-kapaċità, livelli ta' attività u operazzjoni ta' installazzjoni sal-31 ta' Diċembru tal-perjodu ta' rapportar skont l-Artikolu 24 tad-Deċiżjoni 2011/278/UE					
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika					

11.3. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok speċifika l-ksur imġarrab u l-penali imposti matul il-perjodu ta' rapportar skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87/KE. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Tip ta' ksur	Penali propji imposti			Hemm proċedimenti għaddejjin relatati mal-impożizzjoni tal-penali? Iva/Le	Ġiet eżegwita l-penali? Iva/Le
	Multi f'euro	Priġunerija f'xhur	Oħrajn		
It-tip ta' ksur għandu jingħażel mil-lista fil-mistoqsija 11.2. Kull penali imposta għandha tkun irrapportata f'linja għaliha					

11.4. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok ipprovdi l-ismijiet tal-operaturi li għalihom ġew imposti penali għal emissjonijiet eċċessivi matul il-perjodu ta' rapportar skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2003/87/KE.

Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni [1]	Isem l-operatur

[1] Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni rikonoxxut skont ir-Regolament (UE) Nru 389/2013.

11.B **Operaturi tal-inġenji tal-ajru**

Il-mistoqsijiet 11.5, 11.6 u 11.9 iridu jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2014 u fir-rapporti ta' wara jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar

11.5. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok speċifika x'miżuri ttieħdu biex jiġi żgurat li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru kkonformaw mar-Regolament (UE) Nru 601/2012 u mar-Regolament (UE) Nru 600/2012. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Miżuri meħudin	Iva/Le
Verifiki għal għarrieda u spezzjoni tal-implimentazzjoni u l-konformità mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru mal-pjan ta' monitoraġġ u r-Regolamenti (UE) Nru 601/2012 u (UE) Nru 600/2012	
Laqgħat regolari mal-operaturi tal-inġenji tal-ajru u/jew verifikaturi	
L-iżgurar li l-bejgħ tal-kwoti tal-emissjonijiet huwa projbit fil-każ ta' irregolaritajiet	
Pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru li mhumiex konformi mar-Regolament (UE) Nru 601/2012	
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:	

11.6. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok iddikjara l-penali għall-ksur tar-Regolament (UE) Nru 601/2012, ir-Regolament (UE) Nru 600/2012 u l-liġi nazzjonali skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87/KE. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Tip ta' ksur	Multi f'euro		Priġunerija f'xhur		Oħrajn
	Min	Mass	Min	Mass	
Nuqqas ta' pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti					
Nuqqas ta' sottomissjoni ta' dokumentazzjoni ta' sostenn skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012					
Nuqqas ta' monitoraġġ skont il-pjan ta' monitoraġġ approvat u r-Regolament (UE) Nru 601/2012					
Nuqqas ta' implimentazzjoni tal-proċeduri meħtieġa mir-Regolament (UE) Nru 601/2012					
Nuqqas ta' notifika tal-bidliet fil-pjan ta' monitoraġġ u aġġornament tal-pjan ta' monitoraġġ skont l-Artikoli 14-16 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012					
Nuqqas ta' rranġar tad-diskrepanzi fil-kompletezza rrapportata tat-titjiriet					

Tip ta' ksur	Multi f'euro		Priġunerija f'xhur		Oħrajn
	Min	Mass	Min	Mass	
Nuqqas ta' sottomissjoni ta' rapport verifikat dwar l-emissjonijiet fil-ħin					
Nuqqas ta' sottomissjoni ta' rapport(i) tat-titjib skont l-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012					
Nuqqas ta' forniment tal-informazzjoni tal-verifikatur skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 600/2012					
Ir-rapport verifikat dwar l-emissjonijiet jinstab li mhuwiex konformi mar-Regolament (UE) Nru 601/2012					
Ir-rapport verifikat dwar it-tunnellati-kilometri jinstab li mhuwiex konformi mar-Regolament (UE) Nru 601/2012					
Oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:					

11.7. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok speċifika l-ksur imġarrab u l-penali imposti matul il-perjodu ta' rapportar skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87/KE. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Tip ta' ksur	Penali proprji imposti			Għaddejjin proċedimenti relatati mal-impożizzjoni tal-penali? Iva/Le	Il-penali ġiet eżegwita? Iva/Le
	Multi f'euro	Priġunerija f'xhur	Oħrajn		
It-tip ta' ksur għandu jingħażel mil-lista fil-mistoqsija 11.2. Kull penali imposta għandha tkun irrapportata f'linja għaliha					

11.8. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok ipprovdi l-ismijiet tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom ġew imposti penali għal emissjonijiet eċċessivi matul il-perjodu ta' rapportar skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2003/87/KE.

Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur tal-inġenji tal-ajru ([1])	Isem l-operatur tal-inġenji tal-ajru

([1]) Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ta' inġenji tal-ajru rikonoxxut skont ir-Regolament (UE) Nru 389/2013.

11.9. X'miżuri jkunu jridu jittieħdu fl-Istat Membru tiegħek qabel ma l-Istat Membru tiegħek jitlob projbizzjoni operattiva mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(10) tad-Direttiva 2003/87/KE? Jekk jogħġbok speċifika hawn taħt it-tipi ta' miżuri.

12. **L-għamla legali tal-kwoti tal-emissjonijiet u t-trattament fiskali**

Il-mistoqsijiet 12.1, 12.2, 12.3 u 12.4 iridu jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2014 u fir-rapporti ta' wara jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

12.1. X'inhi l-għamla legali ta' kwota tal-emissjonijiet fl-Istat Membru tiegħek?

12.2. X'inhu t-trattament kontabilistiku tal-kwoti tal-emissjonijiet fir-rapport finanzjarju annwali tal-kumpaniji li jsegwu n-norma kontabilistika tal-Istat Membru?

12.3. Hija dovuta VAT fuq il-ħruġ tal-kwoti tal-emissjonijiet? Iva/Le

Hija dovuta VAT fuq it-tranżazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet fis-suq sekondarju? Iva/Le

L-Istat Membru tiegħek japplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge fuq tranżazzjonijiet domestiċi li jinvolvu kwoti tal-emissjonijiet? Iva/Le

12.4. Il-kwoti tal-emissjonijiet huma ntaxxati? Iva/Le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika fit-tabella ta' hawn taħt it-tip ta' taxxa u r-rati tat-taxxa li japplikaw. Tista' żżid iktar ringieli jekk hemm bżonn.

Tip ta' taxxa	Rata tat-taxxa applikata

13. **Frodi**

Il-mistoqsijiet 13.1 u 13.2 iridu jitwieġbu fir-rapport li jrid jiddaħħal sat-30 ta' Ġunju 2014 u fir-rapporti ta' wara jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportar.

13.1 Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok speċifika x'arranġamenti hemm fis-seħħ dwar attivitajiet frodulenti relatati mal-allokazzjoni libera tal-kwoti.

Arranġamenti dwar attivitajiet frodulenti	Dettalji tal-arranġamenti u l-proċeduri fil-liġi nazzjonali
Jekk hemm, x'inhuma l-arranġamenti li hemm fis-seħħ għall-operaturi, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jew partijiet terzi biex jirrapportaw suspett ta' attività potenzjalment frodulenti rigward l-allokazzjoni libera tal-kwoti?	
X'arranġamenti hemm fis-seħħ għall-investigazzjoni ta' tħassib fuq attività potenzjalment frodulenti rigward l-allokazzjoni libera tal-kwoti?	
X'arranġamenti hemm fis-seħħ għall-prosekuzzjoni ta' attività frodulenti relatata mal-allokazzjoni libera tal-kwoti?	
Fil-każ ta' prosekuzzjoni għal attivitajiet frodulenti, x'inhuma l-penali massimi? Jekk jogħġbok iddeskrivi l-multi u t-termini ta' priġunerija.	

13.2 Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok speċifika x'arranġamenti hemm fis-seħħ, jekk hemm, biex l-awtoritajiet kompetenti involuti fl-implimentazzjoni tal-EU ETS jiġu mgħarrfin dwar attivitajiet frodulenti.

Arranġamenti li jikkonċernaw il-komunikazzjoni ta' attivitajiet frodulenti lill-awtorità kompetenti	Dettalji dwar l-arranġamenti u l-proċeduri
X'arranġamenti hemm fis-seħħ, jekk hemm, biex l-awtorità kompetenti tiġi mgħarrfa bl-investigazzjonijiet ta' attivitajiet frodulenti?	

Arranġamenti li jikkonċernaw il-komunikazzjoni ta' attivitajiet frodulenti lill-awtorità kompetenti	Dettalji dwar l-arranġamenti u l-proċeduri
X'arranġamenti hemm fis-seħħ, jekk hemm, biex l-awtorità kompetenti tiġi mgħarrfa bil-każijiet fuq attivitajiet frodulenti mressqin il-qorti?	
X'arranġamenti hemm fis-seħħ, jekk hemm, biex l-awtorità kompetenti tiġi mgħarrfa bil-kawżi fuq attivitajiet frodulenti solvuti barra l-qorti?	
X'arranġamenti hemm fis-seħħ, jekk hemm, biex l-awtorità kompetenti tiġi mgħarrfa bis-sentenza tal-kawżi fil-qorti dwar attivitajiet frodulenti?	

13.3 Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika l-informazzjoni li ġejja fuq attivitajiet frodulenti sa fejn taf l-awtorità kompetenti involuta fl-implimentazzjoni tal-EU ETS fl-Istat Membru tiegħek:

— in-numru ta' investigazzjonijiet imwettqin fil-perjodu ta' rapportar (inklużi dawk li għadhom għaddejjin);

— in-numru ta' każijiet imressqin il-qorti fil-perjodu ta' rapportar;

— in-numru ta' każijiet solvuti barra l-qorti bla kundanna u n-numru ta' każijiet li wasslu għall-ħelsien fil-perjodu ta' rapportar; u

— in-numru ta' każijiet fil-perjodu ta' rapportar li wasslu għal kundanna li twettqet attività frodulenti.

Informazzjoni dwar attivitajiet frodulenti	Numru	Tip ta' frodi jew attività frodulenti
Numru ta' investigazzjonijiet imwettqin		
Numru ta' każijiet imressqin il-qorti		
Numru ta' każijiet solvuti barra l-qorti bla kundanna u n-numru ta' każijiet li wasslu għal ħelsien		
Numru ta' każijiet li wasslu għal kundanna li twettqet attività frodulenti		

14. **Osservazzjonijiet oħrajn**

14.1. Fit-tabella ta' hawn taħt, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji dwar kwalunkwe kwistjoni oħra li qajmet thassib fl-Istat Membru tiegħek, jew kwalunkwe informazzjoni relevanti oħra li tixtieq tipprovdi.

Taqsima	Informazzjoni jew kwistjonijiet oħrajn ta' thassib dwar
Ġenerali	
Taqsima 2	
Taqsima 3	
Taqsima 4	
Taqsima 5	
Taqsima 6	
Taqsima 7	

Taqsima	Informazzjoni jew kwistjonijiet oħrajn ta' tħassib dwar
Taqsima 8	
Taqsima 9	
Taqsima 10	
Taqsima 11	
Taqsima 12	
Taqsima 13	

14.2. Indirizzajt il-mistoqsijiet kollha ta' darba f'dan il-kwestjonarju u aġġornajt it-tweġibiet għal dawk il-mistoqsijiet fejn relevanti? Iva/Le

Jekk le, jekk jogħġbok mur lura għall-mistoqsija kkonċernata."